MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 776/2005

**Kunsill Malti ghall-Isport**

**vs**

**Rea Ceramics Co. Ltd**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-kunsill attur fit-23 ta` Awissu, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

Il-kunsill attrici harget sejha ghall-offerti fil-5 ta` Dicembru, 2003 sabiex jigi mibdul l-art tal-pixxina nazzjonali gewwa l-Gzira liema offerta ghalqet fis-17 ta` Dicembru, 2003;

Wiehed mill-offerenti kienet is-socjeta` konvenuta, li xethet offerta ghax-xoghol rikjest fis-somma ta` Lm18,846.25;

Wara evakwazzjoni tat-*tenders* mixhuta gie deciz li x-xoghol ghandu jinghata lis-socjeta` konvenuta;

Dan it-tender inghata lis-socjeta` konvenuta permezz ta` ittra datata 8 ta` Jannar, 2004;

Skond il-kundizzjonijiet tas-sejha ghall-offerti, s-socjeta` konvenuta kellha ssegwi t-*technical specifications* ghal dik li hija tahlita;

Wara li s-socjeta` konvenuta bdiet ix-xoghol fuq l-art tal-pixxina nazzjonali tfaccew xi difetti konsistenti fix-xoghol li kien qed jsir, li partijiet ta` l-art tal-pixxina beda jinqata` minn ma` l-art ta` l-istess pixxina;

Il-kunsill attrici ilmentat minnufih kemm mal-perit imqabbad sabiex jissorvelja ix-xogholijiet kif ukoll mas-socjeta` responsabbli ghall-appalt, s-socjeta` konvenuta;

Wara d-diskussjonijiet bejn il-partijiet kollha koncernati gie deciz li jsir ezami xjentifiku tal-materjal u tat-tahlita uzata fl-appalt;

Mill-ezami xjentifiku irrizulta li fil-fatt it-tahlita ma kienetx skond ir-rekwiziti teknici formanti parti mis-sejha ghall-offerti kif ukoll l-ghotja ta` l-istess;

Rizultat ta` dan ix-xoghol maghmul hazin, il-Kunsill attrici mhux biss kellu jaghmel xogholijiet riparattivi estensivi izda ukoll sofra danni;

Is-socjeta` konvenuta, interpellata sabiex taddivjeni ghall-likwidazzjoni u hlas ta` danni baqghet inadempjenti;

Talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara, okkorendo bin-nomina ta` periti nominati appositament, li x-xoghol ezegwit mis-socjeta` konvenuta ma kienx tal-kwalita` pattwita u t-tahlita ma kienetx skond ir-rekwiziti teknici tas-sejha ghall-offerti;

2. Tiddikjara konsegwentement ghall-ewwel talba, li l-Kunsill attrici m`ghandux jhallas l-ammont kuntrattat, miktub fit-*tender*, jew ghandu jhallas somma ohra verjuri;

3. Tiddikjara li l-Kunsill attrici sofriet danni rizultat tax-xoghol hazin ezegwit;

4. Tillikwida, konsegwentement, id-danni sofferti mill-Kunsill attrici, okkorendo bin-nomina ta` perit nominati appositament;

5. Tikkundanna konsegwentement lis-socjeta` konvenuta thallas id-danni likwidati fi zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjez u l-imghax legali, inkluz dawk ta` l-ittra ufficjali datata 4 ta` Marzu, 2005 kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa;

Rat li ghalkemm ic-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta` konvenuta, din baqghet ma resqet ebda nota tal-eccezzjonijiet fit-termini impost bil-ligi u hekk waqghet kontumaci;

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta` konvenuta fis-17 ta` Ottubru, 2005, li *in forza* tieghu talbet li tkun awtorizzata tintavola nota tal-eccezzjonijiet;

Rat ir-risposta tal-Kunsill Malti ghall-Isport ipprezentata fis-7 ta` Dicembru, 2005, li fiha oppona t-talba tas-socjeta` rikorrenti;

Rat is-sentenza ta` din il-Qorti tal-4 ta` April, 2006, li in forza taghha iddecidiet billi b`referenza ghar-rikors tas-socjeta` konvenuta datat 17 ta` Ottubru, 2005, sabiex hija tiggustifika l-kontumacja taghha u tinghata fakolta` li tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet, <u>cahdet</u> l-istess talba kontenuta f`dan ir-rikors, bl-ispejjez ta` din id-decizjoni kontra l-istess socjeta` konvenuta.

Rat li l-kawza thalliet ghall-kontinwazzjoni fil-meritu;

Rat l-affidavits prodotti bhala prova;

Semghet lid-difensuri tal-attur;

Rat li s-socjeta` konvenuta ma talbetx l-opportunita` li tressaq nota tal-osservazzjonijiet dwar il-meritu;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta nghatat kuntratt sabiex isir xoghol estensiv fuq l-art tal-pixxina nazzjonali f`Tal-Qroqq, Msida. Ghal dik li hija t-tahlita tal-materjal uzat ghall-art, is-socjeta` konvenuta kellha ssegwi t-technical specifications marbuta mieghu. Is-supervizzjoni tax-xoghol kienet f`idejn il-periti Joseph Grech u Claude Busuttil, u bhala project manager inhatar Joseph Grima. Tul l-ezekuzzjoni tax-xoghol da parti tas-socjeta` konvenuta, kienu jigu notati diversi difetti u din kienet tigi mitluba tirranga ghal dan.

Mal-ewwel li beda jsir ix-xoghol, beda jirrizulta li s-socjeta` konvenuta ma kellhiex il-kompetenza mehtiega twettaq dak il-kuntratt. Hekk, il-kuntrattur kellu jaghmel bazi ta` tip ta` konkos bil-mesh fil-qiegh tal-pixxina, izda din, wara li tpoggiet, bdiet tinqalgha peress illi l-qiegh tal-pixxina ma tnaddafx sew mill-chlorine qabel ma gie applikat il-materjal. Hekk ukoll, kienet is-socjeta` konvenuta li ipproponiet li tuza materjal tas-SIKA biex tghatti l-pixxina, pero`, ghalkemm fuq il-materjal innifsu hemm specifikat fid-dettal il-procedura ta` kif ghandu jigi applikat u l-proporzjonijiet ta` kif ghandu jigi mhallat, ma jidhirx li dawn l-istruzzjonijiet gew segwiti mis-socjeta` konvenuta. Oltre dawn in-nuqqasijiet, is-socjeta` konvenuta kienet waqghet lura fix-xoghol u kien hemm diversi ilmenti dwar id-dewmien fix-xoghol.

Is-socjeta` konvenuta giet kemm-il darba mitluba tiehu provvedimenti rimedjali, izda meta x-xoghol suppost kien tlesta u l-pixxina ntliet bl-ilma, gie innotat li kien hemm

caqliq fil-membrane tal-qiegh tal-pixxina. Kienu ittiehdu samples tal-materjal uzat li gew analizzati fil-laboratorju tal-Malta National Laboratory Co. Ltd. Ir-rizultati, kif analizati mill-periti tal-Kunsill attur, juru illi:

(a) kien hemm diskrepanza kbira fit-tahlita tal-proporzjonijiet tal-mix fil-maggoranza tas-samples li ittiehdu.

(b) li fil-bill of quantities tat-tender document, kien stipulat li t-tahlita tal-mix kellha tkun 1:3. Jidher car mir-rizultat tas-samples analizzati li din il-kundizzjoni ma gietx irrispettata.

(c) il-percentwali tal-bonding agent uzat, sika latex, ivarja drastikament u qieghed taht il-valur specifikat fit-technical specifications li jinsabu fid-data sheet tal-prodott stess li giet sottomessa mill-kuntrattur innifsu ma` l-offerta tieghu li ghamel ghal dan it-tender.

Wiehed mela jikkonkludi li t-tahlita tal-plastering ippreparata mill-kuntrattur ma kienetx maghmula skond l-specifications li kien hemm fil-bill of quantities stipulati fit-tender document u lanqas mar-rakkomandazzjonijiet dwar il-proceduri ta` l-applikazzjoni tal-prodott kif spjegat fid-data sheets tal-materjal uzat. Dan kien il-fattur li wassal sabiex ix-xoghol jinqala` ghaliex ma sarx skond l-arti u s-sengha.

B`rizultat ta` dan ix-xoghol hazin da parti ta` socjeta` konvenuta, il-Kunsill attur kellu jaghmel hafna xoghol riparattiv ta` natura estensiva, u wkoll sofra danni. Skond il-gurisprudenza lokali (ara “Spiteri vs Cassar”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta` Marzu, 1975), jekk id-difetti jkunu ta` certa gravita`, l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-*exceptio non rite adempleti contractus* ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas (ara wkoll f`dan l-istess sens il-kawza “Camilleri vs Cuschieri”, deciza minn din il-Qorti fil-31 ta` Jannar, 2003 u l-kawza “Spiteri noe vs Conway noe”, deciza wkoll minn din il-Qorti fis-6 ta` Marzu, 1998). Fil-fehma tal-Qorti, in-nuqqasijiet da parti tal-kuntrattur kienu gravi bizzejjed biex iwasslu ghat-telf tad-dritt tieghu

li jircievi hlas.  Il-fatt li l-kuntrattur kien ftehem mal-Kunsill attur li jesegwixxi x-xogholijiet bi prezz baxx jew inferjuri ghal dak bazat fuq ir-rati kurrenti, ma jesonerahx mill-obbligu tieghu li jesegwixxi x-xoghol skond is-sengha u l-arti.

Bhala danni ulterjuri, gie ippruvat li l-Kunsill attur hela 609,000 galluni ilma (total ta` Lm2001.87), 60 pakkett ta` pittclor (ta` 13 kgs kull pakkett) (total ta` Lm1,416), u peress li l-pixxina ma setghetx tintuza, intilfu bookings li kellhom ghall-uzu taghha minn 8 timijiet esteri tal-water polo (total ta` Lm1,412).  B`hekk, l-ammont kollu ta` danni jilhaq is-somma ta` Lm4,829.87.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, u fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` t-talbiet kollha attrici kif dedotti, ghall-fini tat-tieni talba tiddikjara li l-Kunsill attur m`ghandux ihallas l-ammont kuntrattat miktub fit-tender, u ghall-fini tal-hames talba, tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-Kunsill attur is-somma ta` Lm4,829.87 (erba` t-elef, tmien mija u disa` u ghoxrin liri Maltin u sebgha u tmenin centezmu) in linea ta` danni, bl-imghax legali mill-4 ta` Marzu, 2005, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------